

Brussell, 15 ta' Diċembru 2020
(OR. en)

14084/20

FIN 966
COMPET 637
IND 272
MI 573
RECH 525
DIGIT 154
TELECOM 266
EDUC 446
EMPL 568

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	15 ta' Diċembru 2020
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	13568/20
Suġġett:	Rapport Speċjali Nru 19/2020 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Id-Diġitalizzazzjoni tal-Industrija Ewropea: inizjattiva ambizzjuża li s-suċċess tagħha jiddependi mill-impenn kontinwu tal-UE, tal-gvernijiet u tan-negozji" Konklużjonijiet tal-Kunsill (15 ta' Diċembru 2020)

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 19/2020 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "Id-Diġitalizzazzjoni tal-Industrija Ewropea: inizjattiva ambizzjuża li s-suċċess tagħha jiddependi mill-impenn kontinwu tal-UE, tal-gvernijiet u tan-negozji" adottat bi proċedura bil-miktub fil-15 ta' Diċembru 2020.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR

ir-Rapport Speċjali Nru 19/2020 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri:

"Id-Diġitalizzazzjoni tal-Industrija Ewropea: inizjattiva ambizzjuża li s-suċċess tagħha jiddependi mill-impenn kontinwu tal-UE, tal-gvernijiet u tan-negozji"

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

1. JILQA' r-Rapport Speċjali Nru 19/2020 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Id-Diġitalizzazzjoni tal-Industrija Ewropea: inizjattiva ambizzjuża li s-suċċess tagħha jiddependi mill-impenn kontinwu tal-UE, tal-gvernijiet u tan-negozji" u JIEĦU NOTA tal-osservazzjonijiet tal-Qorti;
2. JIRRIKONOXXI li l-Qorti Ewropea tal-Awdituri tenfasizza l-importanza ta' diġitalizzazzjoni tal-ekonomija Ewropea li tirnexxi u l-irwol ta' appoġġ ta' network ikkoordinat ta' Ċentri Ewropej ta' Innovazzjoni Diġitali biex jgħinu lill-kumpanniji, b'mod partikolari l-SMEs, biex jaħtfu l-opportunitajiet diġitali; JENFASIZZA l-ħtieġa ta' kopertura wiesgħa tar-reġjuni Ewropej u l-Istati Membri kollha minn network ta' Ċentri Ewropej ta' Innovazzjoni Diġitali; JIRRIKONOXXI r-rwol tal-entitajiet nazzjonali u reġjonali u tal-intermedjarji tal-SMEs fl-Istati Membri għal koordinazzjoni aħjar fil-livell tal-UE u dak nazzjonali;
3. JENFASIZZA r-rilevanza kbira tad-diġitalizzazzjoni biex tiżdied il-produttività, tissaħħaħ il-kompetittività u jiġi żgurat livell għoli ta' reżiljenza tal-ekosistemi industrijali u l-kumpanniji Ewropej, speċjalment l-SMEs inkluż il-mikrointrapriżi;
4. JENFASIZZA l-importanza ta' investimenti kbar fi proġetti ta' diġitalizzazzjoni u konnettività u tal-ingranaġġ tal-programmi Ewropej ta' finanzjament u investiment, u b'mod partikolari l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, għal dak il-għan;

5. JILQA' l-attivitajiet tal-Kummissjoni Ewropea fil-qafas tal-Inizjattiva dwar id-Diġitalizzazzjoni tal-Industrija Ewropea, li jikkomplementaw u jsaħħu l-politiki tal-Istati Membri u JAPPREZZA l-kooperazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea f'dan il-qasam;
 6. JITLOB lill-Kummissjoni Ewropea tqis ir-rapport speċjali Nru 19/2020 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri u r-rakkomandazzjonijiet tagħha fil-politiki biex tiżdied l-effiċjenza tal-miżuri u l-attivitajiet marbuta mad-diġitalizzazzjoni;
 7. JINNOTA li monitoraġġ b'sett ta' indikaturi u miri definiti b'mod ċar jista' jiffaċilita diskussjonijiet futuri dwar is-suċċess tal-miżuri meħuda fl-Inizjattiva dwar id-Diġitalizzazzjoni tal-Industrija Ewropea u JINKORAĠĠIXXI tali monitoraġġ, pereżempju, fil-Programm Ewropa Diġitali, fil-Programm għas-Suq Uniku, fil-programm InvestEU u fil-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej.
-